



Brussell, 20 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11828/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0380(COD)

CODEC 1214
COH 48
UK 205
PREP-BXT 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-25 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 322 (1) u 175(3) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Frar 2021².
3. Il-Qorti tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fil-25 ta' Frar 2021³.
4. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Marzu 2021⁴.
5. Fil-15 ta' Settembru 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.

¹ 14360/20

² ĠU C 155, 30.4.2021, p. 52-57

³ ĠU C 101, 23.3.2021, p. 1-7

⁴ ĠU C 175, 7.5.2021, p. 69-88

⁵ 11716/21

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 59/21, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
7. Id-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
